A.L. 263 ta' l-2001

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 41, 42 u 60 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-Awtorità ta' l-Ippjanar, bil-kunsens tal-Ministru ta' l-Intern u tal-Ministru tal-Finanzi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar rati ta' Taxxa dwar Bini, u għandhom jinqraw u jiftehmu bħala ħaġa waħda flimkien mar-Regolamenti ta' l-1996 dwar Rati ta' Taxxa dwar Bini, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 112 ta' l-1996.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2001.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-sub-paragrafu (5) tal-paragrafu 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

	Lm c
"(v) Kopja ta' permess jew ta' rifjut jew ta' rapport dwar applikazzjoni, miksub elettronikament mis-servizzi *online* ta' l-Awtorità	0.50
(vi) Kopja ta' permess jew ta' rifjut jew ta' rapport dwar applikazzjoni, mhux kif imsemmi fis-sub-paragrafu (v) hawn aktar qabel	2.00".